# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 400/97

Joseph Masini

vs

Direttur Management and Personnel Office Kastilja u b' digriet tad-9 ta' Gunju 2000 Direttur Generali Management and Personnel Office tal-OPM u Acting Postmaster General u d-Direttur Generali tas-Sigurta` Socjali bhala Kap tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali li gew kjamati fir-rikors b' digriet tat-3 ta' Novembru, 1998

llum 23 ta' Jannar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta li hu garrab ingustizzji bejn l-1987 u 1995 meta abbuzivament u mhux minhabba l-esigenzi tas-servizz gie trasferit mid-Dipartiment tan-Nutar tal-Gvern f'Ghawdex ghad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali f'Ghawdex u wara ghad-Dipartiment tal-Posta f'Victoria Ghawdex biex wara ftit granet gie trasferit ghall-Branch tax-Xaghra tal-Posta.

Illi fil-1987 ir-rikorrent kien Executive Officer fid-Dipartiment tan-Nutar tal-Gvern f'Ghawdex. Wara l-Elezzjoni tal-1987 huwa gie trasferit ghad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali f'Ghawdex, minkejja l-fatt li skond l-Estimi tal-1987 tad-Dipartiment tan-Nutar tal-Gvern f'Ghawdex kien hemm ipprovdut flus ghal zewg Executive Officers f'dak id-Dipartiment (Dok A) u fil fatt kien hemm tnejn, ir-rikorrent u Executive Officer iehor li mar hemm wara li r-rikorrent kien gja hemm. Meta r-rikorrent tnehha ma ntbaghatx floku Executive Officer iehor. Zewg impjegati tad-Dejma li kienu jaghmlu xoghol ta' skrivani kienu ntbaghtu fid-Dipartiment tan-Nutar tal-Gvern hafna wara ma r-rikorrent mar hemm, izda r-rikorrent tnehha minn hemm u huma thallew hemm. Hekk ukoll skrivan li aktar tard fil-1987 lehaq Executive Officer u li mar fid-Dipartiment tan-Nutar tal-Gvern hafna wara li r-rikorrent kien diga' hemm thalla hemm ukoll. It-transfer tar-rikorrent ma kienx gust ghaliex ma kellux jonqos Executive Officer mid-Dipartiment tan-Nutar tal-Gvern u jekk kellhom jigu trasferiti xi impjegati kellhom jigu trasferiti dawk li kienu marru fid-Dipartiment wara r-rikorrent ghax huma kienu marru hemm l-ahhar. Di piu` fl-Estimi ghas-sena 1988 kien ipprovdut vot ghal

tlett Executive Officer fl-Ufficcju tan-Nutar tal-Gvern f'Ghawdex (Dok B).

Illi mid-Dipartiment tan-Nutar tal-Gvern ir-rikorrent intbaghat fid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u tqieghed in charge tas-Sezzjoni tas-Social Security contributions fejn ir-rikorrent kellu jaghmel xoghol superjuri ghall-grad tieghu ta' EO u kellu madwar hamsin inpjegat li taghhom kien huwa responsabbli fosthom anki min kien tal-istess grad tieghu. Fl-istess hin fl-Area Offices tad-dipartiment ta-Servizzi Socjali f'Ghawdex, kien hemm impjegati tal-grad ta' Administrative Assistants grad superjuri ghal dak tar-rikorrent li kienu qed jaghmlu xoghol inferjuri ghall-grad taghhom. Ghalhekk l-assenjazzjoni tax-xoghol lir-rikorrent fid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali ma kienx gust.

Illi mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali r-rikorrent gie trasferit ghad-dipartiment tal-Posta, Victoria izda ghal ftit gimghat biss ghaliex, ingiebet l-iskuza li ma setax jithalla hemm ghaliex fil-Posta f'Victoria kien hemm diga huh jahdem hemm. Fl-istess zmien fil-posta f'Victoria kien hemm tlett koppji ohra ta' ahwa u qatt ma inhasset il-htiega li wiehed minn kull koppja ta' ahwa jintbaghat jahdem fi Branch iehor hlief fil-kaz tar-rikorrent li nbaghat jahdem fil-Branch tax-Xaghra tal-Posta. It-tnehhija tar-rikorrent mill-posta ta' Victoria ma kienetx giustifikata u t-transfer tieghu ghax-Xaghra kien ukoll oggezzjonabbli ghaliex fil-branch tal-Posta hemmhekk huwa kellu jaghmel xoghol li ghalih ma kienx imharreg bhal ma kien ix-xoghol tad-Dwana u x-xoghol tal-EMS Data Post. Il-posting tar-rikorrent ix-Xaghra kien ukoll oggezzjonabbli ghaliex fil-hinijiet rilevanti ma kienx hemm ma

kienx hemm trasport pubbliku bejn ix-Xaghra u Victoria u l-allowance ta' hames centezmi u hames millezmi kull mil moghti ghat-trasport ma kienx adegwat biex ir-rikorrent ikopri l-ispejjez tat-trasport tieghu privat. Ghalhekk kemm it-trasferiment tar-rikorrent mill-Posta ta' Victoria, fejn ir-rikorrent jabita kif ukoll l-assenjazzjoni lir-rikorrent tax-xoghol tal-Branch tax-Xaghra tal-Posta ma kienux gusti.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li t-Tribunal jinvestiga l-ilmenti ta' trattament ingust tar-rikorrent skond l-att VIII tal-1997 u jiddikjara li r-rikorrent garrab ingustizzji u jiddeciedi li jaghtih rimedju xieraq billi jordna li jigi imhallas l-ammont ta' Lm5000 bhala kumpens ghall-ingustizzji li r-rikorrent garrab fl-impieg tieghu bhala ufficcjal pubbliku.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali, Management and Personnel Office li eccepixxa:

1. Illi d-Direttur Generali, Management & Personnel Office mhux il-legittimu kuntradittur dwar dik il-parti tar-rikors fejn ir-rikorrent jallega li nghata x-xoghol superjuri ghall-grad tieghu fid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, stante illi huwa l-Kap tal-imsemmi Dipartiment li ghandu r-responsabbilta' li jassenja lill-impjegati tad-dipartiment tieghu dak ix-xoghol li jidhirlu li hu xieraq.

2. Illi d-Direttur Generali Management & Personnel Office lanqas ma hux il-legittimu kuntradittur ghal dik il-parti tar-rikors fejn ir-rikorrent qieghed jilmenta li nghata transfer mill-fergha tal-Posta ta’ Victoria ghal dik tax-Xaghra stante li t-tqassim tal-impjegati ta’ dak li kien id-Dipartiment tal-Posta fid-diversi ferghat tad-dipartiment kien jaqa taht ir-responsabbilta` tal-Postamaster General.

3. Illi t-transfer ta’ l-impjegati tal-Gvern minn dipartiment ghall-iehor u b’mod specjali dawk ta’ impjegati fis-Servizz Generali jsiru skond l-esigenzi tas-Servizz. Din il-kundizzjoni ta’ xoghol hija wkoll indikata fuq l-ittra tal-hatra li tinghata lil kull impjegat tal-Gvern.

4. Illi t-transfer li nghata lir-rikorrent mill-ufficcju tan-Nutar tal-Gvern, f’Ghawdex ghad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali u mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali ghal dak tal-Posta kienu konformi mal-kundizzjoni li kellu fl-ittra tal-hatra tieghu u cioe’ li dan sar skond l-esigenzi tas-Servizz.

5. Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent illi jekk kellhom jigu trasferiti xi mpjegati mill-Ufficcju tan-Nutar tal-Gvern f’Ghawdex, allura kellhom jigu ttrasferiti dawk li marru hemm l-ahhar mhix valida stante li qatt ma kienet il-policy tal-Gvern li l-ghoti ta’ transfers isir fuq bazi ta’ “last in first out”.

6. Illi l-fatt li meta gie trasferit ir-rikorrent mill-Ufficcju fuq imsemmi ma ntbaghatx l-Ufficcjal Ezekuttiv iehor floku huwa xhieda li ma kienx hemm necessita` ghaz-zewg Ufficcjali ta' dan il-grad f'dak l-Ufficcju.

7. Ghaldaqstant l-intimat Direttur Generali MPO talab lil dan it-Tribunal joghgbu jirrespingi t-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta ta' l-Acting Postmaster General li eccepixxa:-

Illi fil-perjodu msemmi tat-trasferiment mill-Victoria ghax-Xaghra kien hemm bzonn isiru xi trasferimenti ta' skrivani fil-ferghat tal-Posta f'Ghawdex minhabba l-fatt li kien hemm skrivani li telqu ghal Dipartimenti ohra tal-Gvern.

Hija normali ghal Kap ta' Dipartiment illi jittrasferixxi nies skond l-esigenzi tas-servizz waqt li jiehu in konsiderazzjoni l-htigijiet necessarji birx jitmexxew b'efficjenza tal-Head Office fil-Victoria u l-Ferghat l-ohra kollha ta' Ghawdex.

It-Trainning ta' mpjegati godda fid-Dipartiment kien isir fil-Victoria BPO biex jiehu l-esperjenza tax-xogholijiet kollha li jirrikjedu l-Counter Services inkluza d-Dwana u l-EMS.

Illi r-rikorrent gie mibghut jahdem fil-fergha tal-Posta tax-Xaghra wara li dan gie kkonfermat mill-inkarigat tal-Counters li dan seta' jibda jahdem hemmhekk.

Illi f'kaz ta' diffikulta` dwar Dwana u EMS (kazijiet rari) dejjem seta jitlob l-ghajnuna bit-telephone mill-inkarigat tal-Victoria BPO.
Billi fil-hin ta' l-gheluq tal-Fergha tax-Xaghra ma kienx hemm servizzi tat-Trasport Pubbliku ghar-Rabat, Ghawdex, id-Dipartiment ipprovda lir-rikorrent it-trasport bil-van tad-Dipartiment li kienet tmur fil-Fergha kuljum u b'hekk huwa kien jiffranka wkoll l-ispejjez tat-trasport.

Ghaldaqstant il-kjamat fil-kawza Acting Postmaster General talab li dan it-Tribunal joghgbu jirrespingi t-talba tar-rikorrent.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**
Ikkunsidra

Illi xehed ir-rikorrent u kkonferma l-kontenut tar-rikors izda kkorega li mad-Dipartiment tan-Nutar tal-Gvern f'Ghawdex fil-fatt kien hemm tliet Executive Officers u mhux tnejn u li fl-1987 zewg

skrivani lahqu Executive Officers u mhux wiehed. Semma li hu attiv hafna mal-Partit Laburista u kellu karigi mal-partit. Gie trasferit mid-Dipartiment tan-Nutar tal-Gvern gewwa Ghawdex fis-16 ta' Settembru tal-1987 u ntbaghat fid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali. Fl-estimi tal-1988 id-Dipartiment tan-Nutar tal-Gvern f'Ghawdex, kellu pprovduti flus ghal tliet Executive Officers, jigifieri l-vot tal-flus mhux talli ma' naqasx, talli minn zewg executive officers sar ghal tlett executive officers. Sostna li ma giex trasferit minhabba l-esigenzi tas-servizz u li t-trasferiment tieghu sar biex jinqdew terzi persuni. Sostna li nies ohra gew trasferiti fid-dipartimenti li kienu ghazlu huma. Meta baghtuh fid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali kien inkarigat mis-Social Security Contributions Collection Section u cioe` in charge ta' madwar 50 ruh. Sostna li kellu hafna xoghol u kien jahdem taht pressjoni u x-xoghol li kien qieghed jaghmel fid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali kellu suppost jsir jew minn A.O. jew minn A.A. B' dan kien kellem lis-superjuri tieghu. Fl-ahhar ta' Gunju tal-1989 gie trasferit mad-Dipartiment tal-Posta. F' Lulju riedu jittrasferixxu lil Alessio Mizzi sabiex imur jahdem fil-fergha tax-Xaghra, izda ma marx wara talba tieghu u l-istess gara fil-kaz ta' Eugenio Bugeja u Anthony Grech. Izda hu kellu jmur. Semma li meta baghatuh jahdem fil-fergha tax-Xaghra ma kienx imharreg jaghmel xoghol fuq l-EMS Data Post u lanqas xoghol tad-Dwana. Kellu wkoll juza l-karozza tieghu ghax is-servizz tal-Posta ma kienx adegwat.

Xehed Alfred Costa li kien Post-Master General. Semma li fit-3 ta' Lulju tal-1989 kienu gew trasferiti tlett haddiema ghal mal-

Posta, f'Ghawdex; wiehed minnhom kien ir-rikorrent. Meta gew dawn inghataw training fuq il-counter, fil-Posta tar-Rabat u mbaghad wara lir-rikorrent baghatuh jahdem fil-fergha tal-Posta tax-Xaghra. Wara tlett ijiem ir-rikorrent hareg bis-sick leave. Ir-rikorrent kien xtaq jibqa' jahdem ir-Rabat. Ir-rikorrent kien jilmenta dwar it-trasport.

Vincent Piccinino Officer in Scale 5 fil-Management and Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim Ministru kkonferma r-risposta ipprezentata mid-Direttur Generali tal- Management and Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim Ministru.

Victor Scott Acting Post-Master General xehed li jaf li Mario u Carmel Xuereb huma ahwa u li dawn kienu jidhru fuq l-attendance sheet ta' Victoria. Anthony u George Grech kienu t-tnejn fil-fergha ta' Ghajnsielem.

Mario Xuereb ufficjal inkarigat mill-Posta gewwa Ghawdex xehed li George u Anthony Grech, Aronne u Raymond Bezzina u George u Carmelo Farrugia huma ahwa u Carmel Xuereb huwa huh u li dawn kollha jahdmu l-Posta.

Adrian Attard xehed li fl-1986 jew fil-bidu tal-1987 kien gie deciz li zewg Sections mid-Dipartiment jigu trasferiti Ghawdex – ir-Reconciliation Section u l-NI Collection fejn kien jahdem is-Sur Masini. Jigifieri dawk is-Sections li gew hawnhekk s'intendi kellhom jimtlew bin-nies. Fost l-impjegati li gew jahdmu hemm kien hemm is-Sur Joe Masini. Ir-rikorrent kien Executive Officer.

Bhala xoghol ir-responsabilita' kienet supervision fuq ix-xoghol li jsir fuq l-NI Collection section. Dwar allokazzjoni tax-xoghol, dik id-decizzjoni mhux id-Dipartiment johodha, izda s-Section Head li normalment ikun Administrative Officer.

Semma li l-MPO jiddecidi fejn imorru jahdmu l-impjegati.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk irrizulta li f'Settembru, 1987 ir-rikorrent gie trasferit mill-Ufficju tan-Nutar tal-Gvern f'Ghawdex ghad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali f'Ghawdex;
Jirrizulta li f'Gunju, 1989 ir-rikorrent gie trasferit ghad-Dipartiment tal-Posta Victoria Ghawdex, u f'Awissu tal-1989 gie moghti transfer intern ghall-Branch tax-Xaghra;
L-intimati jsostnu li t-transfer sar skond l-esigenzi tas-Servizz waqt li r-rikorrent jikkontendi li dan mhux minnu.

It-Tribunal spiss ikollu jpoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni tar-rikorrent, u jew f'tal-intimat biex jara jekk fil-fatt tirrizultax l-ingustizzja. Issa n-numru tat-transfers li gie moghti r-rikorrent mhumiex hafna ghax gie trasferit darbtejn minn Dipartiment ghall-iehor u darba ohra transfer intern f'perjodu ta' tmien snin li mhumiex ftit izda lanqas huma hafna. Il-Gvern ghandu d-dritt li jaghti transfers specjalment jekk dawn ikunu dipendenti mill-esigenzi tas-servizz. Ir-rikorrent ghamel referenza ghal dak li qal it-Tribunal fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet "Godwin Pulis vs

Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghataw r-ragunijiet ghalih.  Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifhmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli.  Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk.  Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Pero' wiehed irid jara:

- kemm il-transfer inghata, u f'kemm zmien;
- ghall-liema raguni inghata transfer;
- x'tilef ir-rikorrent kawza tat-transfer taht kundizzjonijiet ta' xoghol, paga, allowances, u possibiltajiet ta' avvanz;
- il-kundizzjonijiet u n-natura tax-xoghol li kien jaghmel qabel u dak li spicca jaghmel kawza tat-transfer;
- kienx hemm bzonn li xi hadd imur minfloku, min kien dak li mar minfloku, u jekk jirrizultawx xi motivi specjali b'kunsiderazzjoni dettaljata jekk kienx hemm xi element politiku.

Hawnhekk it-Tribunal qieghed jirreferi ghal kazijiet bhal ma huma li persuna giet trasferita biex tahdem f'Cimiterju, jew f'kamra ta' fuq il-bejt esposta ghall-elementi tan-natura, jew f'xi barriera imwarrba bil-perikolu possibli; jekk giex moghti skrivanija u telephone jew ghodda adegwata, u elementi simili. Jiddependi jekk inghatax xoghol u x'tip ta' xoghol.

Izda fil-kaz in ezami dawn l-affarijiet ma irrizultawx li r-rikorrent spicca f'xi ambjenti hziena hafna. Ma irrizultax li tilef xi allowances ghalkemm semma l-problemi ta' ivvjaggar bejn Victoria u Xghara. Semma wkoll l-fatt li kien jaghmel xoghol superjuri ghal dak li kellu izda wkoll ma jidhirx li dan kellu jaghmlu ghal snin twal. Jinghad ukoll li wiehed mit-Transfers kien intern wara li r-rikorrent inghata training inizjali fil-Head Office ta' Ghawdex. Ukoll gie trasferit fid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali wara li dan id-Dipartiment f'Ghawdex espanda b'mod notevoli.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.